VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,356, 12 ta' Diċembru, 2014
Taqsima B

A.L. 455 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Advocacy – M.Adv. – u għall-Grad ta' Master of Notarial Studies – M.Not.St. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Advocacy – M.Adv. - u għall-grad ta' Master of Notarial Studies – M.Not.St. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Liġi;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Advocacy – M.Adv. - u għall-grad ta' Master of Notarial Studies – M.Not.St.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Advocacy – M.Adv. - u għall-grad ta' Master of Notarial Studies – M.Not.St.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Advocacy – P.G. Dip.Adv. - jew il-Postgraduate Diploma in Notarial Studies – P.G.Dip.Not.St.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti għall-Grad għandu jkollhom:

(a) il-grad ta' Bachelor of Laws (Honours) – LL.B.(Hons) – ikklassifikat mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(b) grad ta' Bachelor fil-Liġi minn din l-università jew minn kwalunkwe università oħra rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan, mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew fit-Tieni Kategorija; jew

(ċ) id-Diploma of Notary Public – N.P., biex tidħol għall-grad ta' Master of Advocacy biss.

Il-Programm Preparatorju

4. L-applikanti li jidħlu skont is-sotto-paragrafu (b) tal-ordinament 3 ikunu meħtieġa jtemmu programm preparatorju, li għalih hemm assenjati 60 krettu ECTS, u jiksbu marka medja globali ta' 55% jew aħjar fil-programm preparatorju, qabel ir-reġistrazzjoni tagħhom bħala studenti regolari fil-Kors,
sakemm li l-applikanti li kienu rreġistrati fuq il-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Laws (Honours) u li ma kkwalifikawx għall-għoti tal-Grad bl-Unuri ma jkunux eliġibbli biex jirreġistraw għall-programm preparatorju.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għall-Grad għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time*.

L-Impjieg

6. L-istudenti m'għandhomx ikunu mpjegati f'xogħol *full-time* jew f'xogħol *part-time* sostanzjali ladarba jkunu rreġistraw għall-Kors, ħlief bil-permess speċjali tal-Bord.

Il-Programmi ta' Studju

7. Il-programm ta' studju għall-Kors għandhom jikkonsistu minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS huma assenjati għall-prattika professjonali.

8. L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess il-prattika professjonali, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma in Advocacy jew fin-Notarial Studies, kif jista' jkun il-każ.

VERŻJONI ELETTRONIKA

9. Il-programmi ta' studju għandhom ikunu ppubblikati wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Korsijiet.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

10. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS għal taqsimiet studju mgħallma jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fil-valutazzjonijiet li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju mgħallma, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Il-Prattika Professjonali

11. (1) L-istudenti huma meħtieġa jwettqu prattika professjonali skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) L-istudenti huma meħtieġa jgħaddu mill-komponenti kollha tat-taqsima studju tal-prattika professjonali. Jekk l-istudenti jeħlu, jew għal xi raġuni valida approvata mis-Senat, ma jtemmux it-taqsima studju tal-prattika professjonali, għandhom jitħallew jirrepetu t-taqsima studju jew kwalunkwe komponent tat-taqsima studju matul sena addizzjonali ta' studju.

(3) Il-Bord għandu jaħtar superviżur wieħed mill-Fakultà u ko-superviżur wieħed mill-professjoni, li għandhom jipprovdu gwida u pariri fuq bażi regolari matul il-prattika professjonali.

(4) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżuri tagħhom.

12. Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom.

13. L-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni mill-ġdid ta' kwalunkwe komponent tal-prattika professjonali jew fit-taqsima studju kollha, ikunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

14. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.